MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 229/2007

**Nazzareno Fenech**

**Vs**

**Andreana Sammut**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elfejn, mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm2,185.92) rapprezentanti s-segwenti:

1. Lm1,500 – kera u okkupazzjoni tal-fond Flat 14, Sea Eagle Court, Andrew Cunningham Street, Qawra.

2. Lm176 – National Insurance mhallsa mill-attur ghall-konvenuta.
3. Lm120 – Prezz ta' sitt bibien ta' gwardarobba mhallas mill-attur.
4. Lm100 – Pjanti u affarijiet tal-kcina li ttiehdu mill-fond fuq imsemmi.
5. Lm151 ghal hlas ta' dawl u ilma, Lm49.95 ghal hlas ta' licenzja tat-televizjoni, u Lm88.58 ghall-hlas ta' kont tat-telefon, dejjem relattivi ghall-fond fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Andreana Sammut fejn eccepiet:

1. Illi kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-ammont ta' Lm1,500 ghall-kera u okkupazzjoni tal-fond numru 14, Sea Eagle Court, Andrew Cunningham Street, Qawra u ghall-hlas ta' Lm151 ghal konsum ta' dawl u ilma, licenzja tat-televizjoni u uzu tas-servizz tat-telefon, din it-talba hija affetta minn kawza illecita ghad illi l-intimata kienet tirrisjedi fl-imsemmi fond mal-attur u taghmel uzu mis-servizzi fl-istess fond f'mument meta kienu jikkonkubinaw.
2. Illi kwantu ghat-talba ghall-hlas ta' Lm176 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali ma hemm ebda gustifikazzjoni legali ghala dawn ghandhom jithallsu lura lill-attur.
3. Illi kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-ammont ta' Lm120 ghal sitt bibien ta' gwardarobba ma hemm ebda gustifikazzjoni legali jew fattwali ghala dan l-ammont ghandu jithallas lill-attur.
4. Illi kwantu ghat-talba ghall-hlas ta' Lm100 ghall-pjanti u affarijiet tal-kcina li allegatament ittiehdu mill-fond fuq imsemmi, l-attur irid jipprova li dawn l-oggetti li taghhom l-imsemmi valur qieghed jigi reklamat verament ittiehdu u li u fuq kollox li dawn l-istess oggetti huma verament tieghu.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li b'digriet tas-27 ta' Lulju 2007, din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut sabiex din il-kawza tinstema' flimkien u kontestwalment ma' kawza ohra bl-ismijiet inversi (Avviz Nru: 125/07)[1]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Nazzareno Fenech.

Rat li l-konvenuta Andreana Sammut, ghalkemm moghtija l-fakolta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva, baqghet m'ghamlitx dan fit-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Din il-kawza u l-ohra fl-ismijiet inversi (Avviz Nru 125/2007) – deciza wkoll illum - jikkoncernaw kwistjonijiet simili u l-mertu taghhom hu relatat. Pero, sakemm huwa possibbli, il-Qorti se tillimita l-analizi tal-fatti ghal dak li hu relevanti ghal kull kawza individwali. Il-kontendenti taw verzjonijiet opposti tal-fatti u ghalhekk, din il-vertenza trid tigi deciza fuq liema verzjoni fl-opinjoni ta' din il-Qorti, hija l-iktar wahda kredibbli, stante li l-unici xhieda huma l-kontendenti infushom.

*Il-verzjoni tal-fatti tal-attur*

[1] Ara fol. 10 tal-process.

1. L-attur jghid li ghalkemm huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta dejjem kienu jghixu f'postijiet differenti – hi kienet tghix fl-appartament tieghu tal-Qawra, li hu jghid li kien kriehulha, fil-waqt li hu baqa jghix fil-fond tieghu Haz-Zebbug. Ghalhekk, huma qatt ma ghexu flimkien.

2. L-attur jghid li hu kien kera dan l-appartament lill-konvenuta ghall-ammont ta' mitt lira Maltin (LM100) fix-xahar. Hi ghexet fl-appartament il-Qawra minn Lulju 2002 sal-bidu ta' Settembru 2003.

3. Rigward il-gwardarobba tal-konvenuta li ma kelliex bibien, l-attur jghid li l-konvenuta talbitu jsellifha l-flus biex taghmlilha l-bibien, u qaltlu li mbaghad tatih il-flus wara.

3. Waqt li kienet tghix il-Qawra, il-konvenuta qatt ma hallset xejn ghal *utilities.* Hi kienet tghidlu biex ihallashom hu imbaghad thallas sehemha, pero sehemha qatt ma hallsitu.

4. Wara xi xhur jghixu flimkien, il-konvenuta bdiet tahdem mal-attur fil-hanut li kellu Haz-Zebbug, izda tkecciet fiz-zmien tal-probation, ghax l-attur jghid li ma kienitx tajba ghal dak ix-xoghol. L-attur jghid li hija qatt ma hallset il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali u kien hallashomlha hu.

5. L-attur jichad li huwa sakkar xi kamra li kien fiha l-ghamara tal-konvenuta. Fil-fatt hu jghid li apparti l-gwardarobba li sarulha l-bibien, huwa ma rax l-ghamara l-ohra li qed issemmi l-konvenuta.

6. L-attur jghid li l-konvenuta tatu c-cavetta lura kwazi tlett (3) xhur wara li telqet mill-flat tal-Qawra.

*Il-verzjoni tal-fatti tal-konvenuta*

1. Il-konvenuta tghid li hi u l-attur kellhom relazzjoni u iddecidew li jmorru jghixu flimkien fl-appartament tal-attur gewwa l-Qawra. Ghalhekk hija garret l-affarijiet taghha, inkluza l-ghamara taghha, mill-appartament taghha go Burmarrad ghal Qawra.

2. Huma damu jghixu flimkien kwazi sena.

3. Il-konvenuta tammetti li hi qatt ma kkontribwiet xejn ghas-servizzi tal-*utilities,* izda tghid li hi offriet li taghmel dan, imma l-attur ma riedx.

4. Fost l-ghamara li gabet maghha, kien hemm gwardarobba li ma kellhiex bibien, imma purtieri. L-attur ried jaghmlilha l-bibien. Il-konvenuta accettat bil-kundizzjoni li jhallas hu ghal dawn il-bibien.

6. Wara xi xhur jghixu flimkien, il-konvenuta bdiet tahdem mal-attur fil-hanut li kellu Haz-Zebbug, izda hi telqet fiz-zmien tal-probation.

7. Fl-istess zmien li telqet mix-xoghol, ir-relazzjoni mal-konvenut kienet spiccat. Ghalhekk, il-konvenuta sabet post iehor il-Gharghur u garret l-affarijiet taghha ghal go fih. Hi tghid li mill-kcina tal-appartament tal-Qawra hadet biss l-affarijiet li kienet gabet maghha meta garret minn Burmarrad. Il-konvenuta tghid li hadet ukoll pjanta wahda biss, mill-pjanti kollha li kien hemm, li kienet li tiswa madwar ghaxar liri Maltin (LM10) u li kienet inxtrat mill-attur.

8. Pero l-konvenuta tghid li ma haditx l-ghamara li gabet maghha mill-appartament ta' Burmarrad, ghax din l-ghamara giet imsakkra go kamra mill-attur, u hi ma kellhiex cavetta ghal din il-kamra. Hija halliet warajha il-gwardarobba li twahhlulha l-bibien mill-konvenut; gwardarobba ohra, sofa bed, u mera b'kexxun.

9. Il-konvenuta ma tatx ic-cwievet ta' l-appartament tal-Qawra mill-ewwel lill-konvenut, izda wara xi jumejn wara li telqet, ghax kien fadlilha tiehu xi affarijiet zghar bhal hwejjeg.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

*Eccezzjoni Preliminari*

Il-konvenuta ssollevat preliminarjament l-eccezzjoni illi in kwantu qed jitlob il-hlas tal-kera u l-hlas tas-servizzi tal-*utilities,* il-pretensjoni tal-attur hija affetta minn kawza illecita u dana minhabba li l-partijiet kienu f'konkubinagg. Ghalhekk dina l-Qorti se titratta fl-ewwel lok dina l-eccezzjoni.

Il-konvenuta tghid li bejnha u bejn il-konvenut kien hemm relazzjoni intima u huma kienu jghixu flimkien fl-appartament tal-attur il-Qawra. Min-naha l-ohra, l-attur jinnega li huma kienu jghixu flimkien, u filwaqt li hu kien jghix Haz-Zebbug, il-konvenuta kienet kriet l-appartament tieghu l-Qawra. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-attur mhix wahda kredibbli, u dan minhabba diversi ragunijiet.

Fl-ewwel lok, fil-kawza quddiem dina l-istess Qorti f'ismijiet inversi l-konvenut (li hawnhekk huwa l-attur) kien eccepixxa fl-ewwel lok l-eccezzjoni illi l-kawza hija instigata minn kawza illecita minhabba konkubinagg, izda irrtira din l-eccezzjoni tard fil-proceduri fis-16 ta' Gunju 2010.[2] Kieku ma kienx hemm konkubinagg, certament l-attur – konvenut f'dik il-kawza - ma kienx iqajjem dik l-eccezzjoni. Huwa rtira dik l-eccezzjoni minhabba ragunijiet strategici – ghaliex induna b'dik l-eccezzjoni – li hija ammissjoni ta' konkubinagg - huwa kien qed jikkorrobora l-eccezzjoni tal-konvenuta f'dawn il-proceduri li dawn il-proceduri huma affetti minn kawza illecita.

Fit-tieni lok, mhux verosimili li l-attur kien se jhalli lill-konvenuta tghix ghal xhur fl-appartament tieghu minghajr ma jinsisti li jithallas il-kera u jigi rifuz il-flus li hallas ghas-servizzi tal-*utilities.*

Fit-tielet lok, fl-affidavit tieghu, l-attur jghid li huwa kien izomm il-kelb tal-konvenuta fid-dar tieghu Haz-Zebbug, ghaliex hi ma setghetx izommu fil-flat il-Qawra. Certament, l-attur ma kienx se jiehu

[2] Ara fol. 39 tal-process f'ismijiet inversi bin-numru 125/07.

hsieb il-kelb tal-attrici *gratis et amoris* kieku ma kienux jezistu motivi ohrajn. Inoltre, in kontro-ezami, l-konvenuta ammettiet li l-attur kien izomm il-kelb Haz-Zebbug, pero tghid li kien igibu fl-appartament il-Qawra filghaxija.

Fir-rigward tal-ispejjez tas-servizzi, l-attur xehed hekk in kontro-ezami. *« Il-kontijiet kont nircevihom jien. Andreana Sammut kienet tghidli biex inhallas jien u mbaghad thallasni* <u>*sehmha,*</u> *qatt ma qaltli pero meta ser thallas* <u>*sehemha.»*</u>[3] (sottolinear tal-Qorti). Din hija ovvjament a *Freudian slip*, ghax li kieku l-appartament kien mikri lilha – kif qed jallega l-attur, l-attur kien jippretendi li thallas l-ammont intier tal-kont u mhux « sehemha ». Il-fatt li hu jirreferi ghal « sehemha » juri li l-konsum kien isir miz-zewg kontendenti u kien ghalhekk li kien qed jghidilha biex thallas biss « sehemha ».

Ladarba gie stabillit li kien hemm konkubinagg, din il-Qorti trid tara jekk ghall-inqas uhud mill-pretensjonijiet humiex affetti minn kawza illecita. Fis-sentenza **David Mifsud et vs Peter Axisa et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fit-28 ta' Frar 2013, il-Qorti osservat is-segwenti fuq il-konkubinagg:

*« Il-Qorti ma tistax ma tiehux din l-okkazzjoni biex tosserva li l-izviluppi socjali tul dawn l-ahhar snin, li proprju jaghtu rikonoxximent legali ghal rabtiet bejn membri ta' familja naturali, u mhux biss familja bbazata fuq iz-zwieg, u sahansitra amendi legali li jaghtu rikonoxximent lill-relazzjonijiet extra-maritali ghall-skopijiet ta' ghajnuna socjali, bilfors ser iwasslu eventwalment ghall-apprezzament gdid tat-tifsira ta' moralita` u ghemil xieraq. »*

Fil-fatt dina l-Qorti izzid tghid li sahansitra fis-sena 2012 kien hemm abbozz ta' ligi fuq ir-regolarizzazzjoni tal-koabitazzjoni.[5] Ghalhekk dina l-Qorti ghandha d-dubbji taghha kemm illum il-gurnata, jista' jinghad li l-affarijiet moghtija waqt konkubinagg jistghu jigu affetti minn kawza illecita, u dan fid-dawl tal-izvilupp fis-socjeta moderna tal-kuncett tal-moralita u eghmil xieraq.

---

[3] Ara kontro-ezami tal-attur a fol. 66 tal-process.
[4] Per. Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland.
[5] Ara l-Att 120 tal-2012 dwar is-Shubija Civili u d-Drittijiet u l-Obbligi ta' Koabitanti.

Pero fi kwalunkwe kaz, kif gie ritenut fis-sentenza **Raymond Avallone et vs Therese Agius**, deciza fit-3 ta' Novembru 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] : *« Difatti jinsab konkordament ricevut illi mhux kull negozju jew ftehim li jsir bejn konkubini hu ipso facto u ndiskriminalment illecitu. Kif sostenut mill-Qorti tal-Kummerc fuq it-taghlim tal-**Laurent** (« Principi di Diritto Civile, Vol. XVI, para. 152 et seq.), « non bisogna conchiudere che ogni obbligazione assunta da un uomo a favore di una donna con la quale egli ha illecita relazione sia necessariament contraria ai buoni costumi. » (« **Emma Peretti-vs-Negte Antonio Vella Zarb nomine** », 14 ta' Jannar 1927 a Vol. XXVI PIII p* 706) »[7]

Fid-dawl tas-suespost din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta qieghda tigi respinta.

<u>*Il-Meritu*</u>

L-attur qed jitlob hames ammonti ghal ragunijiet differenti minghand il-konvenuta.

Fl-ewwel lok l-attur qieghed jitlob elf u hames mitt lira Maltin (LM 1,500) ghal kera u okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni. Din il-Qorti diga waslet ghall-konkluzjoni li l-kontendenti kienu qieghdin jikkoabitaw fl-appartament tal-Qawra in vista tar-relazzjoni intima li kellhom, u f'dan il-kuntest mhux verosimili li l-attur u l-konvenuta ftehmu li hi toqghod fil-fond tieghu a bazi ta' titolu ta' kera. Fit-tieni lok, kif diga inghad, mhux verosimili li l-attur kien se jhalli lill-konvenuta xhur toqghod fil-fond minghajr ma jitlobha l-kera. Fit-tielet lok, l-attur jammetti illi l-ammont ta' kera gie mitlub lill-konvenuta wara l-konvenuta telqet mill-fond in kwistjoni *« Wara li telqet Andreana Sammut jiena tlabtha l-kera. Kont tlabtha l-kera verbalment, kif ukoll spejjez ohra varji, bhal telephone. »*[8] Illi din l-ammissjoni ta' l-attur turi carament illi ma kien hemm l-ebda ftehim ta' kera bejniethom u huwa talab biss il-kera wara l-konvenuta telqet mill-fond.

---

[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

[7] Ara wkoll is-sentenzi **Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lamb**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Marzu 1955, u **Antonio Schembri vs Inez Wicker**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju 1960.

[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Nazzareno Fenech a fol. 65 tal-process.

Ghaldaqstant, din it-talba tal-attur ghall-hlas tal-kera qieghda tigi michuda.

Fit-tieni lok, l-attur qieghed jitlob nofs l-ammont li huwa hallas bhala kontribuzzjoni tas-sigurta socjali, ghaz-zmien li ghamlet tahdem mieghu. Il-konvenuta tghid li kien hemm ftehim li hu jhallasha l-paga u hu jhallas il-kontribuzzjoni tas-sigurta socjali.[9] Il-Qorti tosserva illi kien l-obbligu tal-attur illi jara illi l-ammont pagabbli mill-konvenuta bhala kontribuzzjoni tas-sigurta socjali jitnaqqsilha mill-paga li hija tircievi. L-attur ma gab l-ebda prova ta' kemm kellha tkun il-paga grossa tal-konvenuta, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk il-paga li rceviet il-konvenuta, kienitx il-paga bil-kontribuzzjoni tas-sigurta socjali gia mnaqqsa, kif suppost irceviet, jew bi zball l-attur hallasha l-paga grossa. Il-kontribuzzjoni tas-sigurta socjali tal-impjegat dejjem tithallas mill-principal, ghaliex dan ikun naqqasha mill-paga tal-impjegat qabel tahielu.

Ghaldaqstant, it-talba tal-attur ghal hlas ta' nofs il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali li huwa hallas ma tistax tigi akkolta minn din il-Qorti.

Fit-tielet lok, l-attur qed jitlob mija u ghoxrin lira Maltin (LM120), rapprezentanti l-prezz ta' sitt bibien ta' gwardarobba mhallsa mill-attur. Mhux kontestat li l-gwardarobba gabitha l-konvenuta minghajr bibien. Huwa vera li rigward hemm kunflitt bejn il-kontendenti dwar min kellu jhallas ghal dawn il-bibien. L-attur jghid li l-konvenuta talbitu jislifha l-flus biex tordnahom, fil-waqt li l-konvenuta tghid li l-attur ried jordnahom. Pero fi kwalunkwe kaz, hija l-konvenuta li se tgawdi dawn il-bibien, ghax fil-kawza fl-ismijiet inversi din il-Qorti iddecidiet li l-attur fil-proceduri odjerni ghandu jirritorna lill-konvenuta din il-gwardarobba. Ghalhekk, anke taht id-dottrina tal-arrikiment ingust, l-attur ghandu jigi rizarcit dan l-ammont.

Ghaldaqstant, din it-talba tal-attur ghal mija u ghoxrin lira Maltin (LM120) li huwa nefaq biex ghamel il-bibien tal-gwardarobba qieghda tigi milqugha.

---

[9] Ara l-affidavit ta' Andreana Sammut a fol. 16 tal-process.

Fir-raba' talba tieghu, l-attur qed jitlob mitt lira Maltin (LM100), rapprezentanti pjanti u affarijiet tal-kcina li allegatament il-konvenuta hadet mill-appartament tal-Qawra. Il-Qorti tosserva li ma ngabux provi sufficjenti sabiex isostnu din l-allegazzjoni, hlief ammissjoni da parti tal-konvenuta, meta stqarret illi hadet pjanta li tiswa ghaxar liri Maltin (LM 10).[10] Ghalhekk dina l-Qorti se tilqa' dina t-talba limitament ghall-ammont ta' ghaxar liri Maltin (LM 10).

L-ahhar talba hija attrici ghal hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma, hlas ta' licenzja tat-televizjoni u hlas tal-kont tat-telefon ghal perjodu li fih il-konvenuta kienet tghix fil-fond tal-attur. M'hemmx dubbju li l-konvenuta ibbenefikat minn dawn is-servizzi, u hi stess tammetti li riedet thallas is-sehem taghha, imma l-attur ma riedx. Pero in vista tal-fatt li l-attur ukoll ibbenifika minn dawn is-servizzi ghax kien qed jghix mal-konvenuta, il-Qorti se tilqa' t-talba limitatament ghal nofs l-ammonti mitluba. Konsegwentement, il-Qorti qeghda tilqa' l-hames talba attrici limitament ghall-ammonti ta' hamsa u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (LM75.50) (nofs l-ammont mija wiehed u hamsin lira Maltin (LM151) hlasijiet dawl u ilma); erbgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (LM24.98) (nofs l-ammont ta' disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM49.95) hlas ta' licenzja tat-televizjoni); u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM44.29) (nofs l-ammont ta' tmienaj u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM88.58) hlas ta' kont tat-telefon) – li komplessivament jammontaw ghal mija erbgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebgin centezmu (LM144.77)

Ghaldaqstant l-ammont totali li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur huwa ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM274.77), rapprezentanti mija u ghoxrin lira Maltin (LM120), prezz tal-bibien tal-gwardarobba, ghaxar liri Maltin (LM10) rapprezentanti pjanta, u mija u erbgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM144.77), rapprezentanti nofs il-kontijiet tal-*utilities.*

**Konkluzjoni**

[10] Ara l-affidavit ta' Andreana Sammut a fol. 17 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta,
2. tilqa' limitatament it-talba tal-attur, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u erbghin Euro u erba' centezmi (€640.04) (rapprezentanti mitejn u erba' u sebghin Lira Maltija u seba' u sebghin centezmu (LM274.77), bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, u
3. tichad it-talba attrici ghall-kumplament.

Bl-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------